Covenant of Mayors
for Climate & Energy
EUROPE

# “Waħda mill-prijoritajiet attwali tagħna hija l-ħolqien ta’ dawk li huma magħrufa bħala komunitajiet lokali tal-enerġija”



Intervista ma’ José Antonio Serrano Martínez, Sindku ta’ Murcia, Spanja, rebbieħa tal-premju tal-Patt tas-Sindki “City in the Spotlight”.

*[Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki – Ewropa:]* **Murcia kienet l-ewwel muniċipalità Spanjola li kkommettiet ruħha għall-Patt tas-Sindki, lura fl-2008! Meta tirrifletti fuq dawk it-13-il sena bħala parti mill-moviment, x’taħseb li huma l-ikbar kisbiet tal-belt f’termini ta’ klima u enerġija?**

*[Is-Sindku Serrano Martínez:]* Murcia kisbet diversi miri f’dak iż-żmien, waħda minnhom kienet li l-ilħuq tal-objettivi tas-SEAP tal-2020 (Pjan ta’ Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli) tagħha li kien approvat f’Novembru 2010 bil-għan li l-emissjonijiet ta’ $CO_2$ jinqatgħu b’20%. Ir-riżultat kien tnaqqis ta’ mill-inqas 428,334 tunnellata ta’ $CO_2$ fl-2020, imqabbel mal-livelli ta’ emissjoni tal-2007. Aħna għandna l-intenzjoni li nieħdu dak l-objettiv sal-livell li jmiss, u li naqtgħu l-emissjonijiet b’40% fis-SECAP tal-2030 (Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Klima) tal-muniċipalità, li huwa estensjoni naturali tas-SEAP tal-2020. Inħossni kburi wkoll li, fiż-żmien tiegħi bħala sindku ta’ Murcia, il-belt approvat il-viżjoni tal-Patt tas-Sindki biex tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050.

Il-parteċipazzjoni ta’ Murcia fil-Patt tas-Sindki hija forza ta’ motivazzjoni u ssostnina fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan is-sostenn Ewropew jiġi fil-forma ta’ rikonoxximent u jippermettina nużaw ir-riżorsi u l-opportunitajiet ta’ networking li

neħtieġu biex nissodisfaw l-impenji għall-enerġija u l-klima. Dak ir-rikonoxximent huwa kemm inkuraġġiment kif ukoll forza li tmexxina.

**Il-belt reċentement approvat il-viżjoni għall-2050 tal-Patt tas-Sindki ta' Ewropa aktar ġusta u newtrali għall-klima. Parti minn dan l-impenn ġdid tinvolvi l-kooperazzjoni ma' atturi lokali u ċ-ċittadini. X'qed tagħmel Murcia f'dan ir-rigward?**

Jekk irridu li s-soċjetà, il-kumpaniji, l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjonijiet ta' Murcia jbiddlu l-abitudnijiet tagħhom u jiffukaw fuq proġett komuni li jinvolvi li l-ambjent jiġi ttrattat b'aktar rispett, huwa essenzjali li l-aġenti u l-entitajiet soċjali latenti kollha fil-muniċipalità jkunu involuti. Hekk biss inkunu nistgħu noħolqu proġett komuni eċċitanti u li se jirnexxi li fih kollha kemm aħna nilgħabu rwol u naħsdu l-benefiċċji. Huwa għalhekk li l-Istrateġija dwar il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Istrateġija dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima tal-2030 tal-muniċipalità t-tnejn ser jilħqu l-qofol tagħhom bi proċess parteċipatorju li jinvolvi aġenti soċjali, organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet professjonali, esperti, ċentri ta' għarfien u ħafna gruppi oħrajn.

Waħda mill-prijoritajiet kurrenti tagħna hija l-ħolqien ta' dak li huma magħrufa bħala komunitajiet lokali tal-enerġija li huma mmexxija miċ-ċittadini, SMEs u awtoritajiet lokali. Dan jagħmilha vitali li niggwidaw dawn l-atturi kollha matul il-proċess u niffaċilitaw tranżizzjoni tal-enerġija ta' veru. Iċ-ċittadini lokali se jkunu jistgħu jipproduċu l-enerġija, jikkonsmawha, jaħżnuha, jaqsmuha jew anke jbigħuha, li jagħmel dan fattur kruċjali għat-tnaqqis tal-ispejjeż u biex jikkontribwixxi għal tranżizzjoni tal-enerġija ġenwina.

Barra dan, aħna għandna l-għan li nniedu kampanji pubbliċitarji li jipprovdu għarfien u taħriġ dwar it-tibdil fil-klima, li jħeġġu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-adattament tal-muniċipalità u jippromwovu djalogu miftuħ. Jekk il-klima qed tinbidel, għaliex ma ninbidlux aħna wkoll?

**Iltqajtu ma' xi ostaklu kbir għall-ksib tal-pjanijiet lokali tagħkom għall-klima u l-enerġija? Irnexxielkom tissuperawhom?**

L-ikbar ostaklu huwa biex tikseb il-finanzjament biex twettaq azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament sabiex tindirizza t-tibdil fil-klima. Minħabba li r-riżorsi muniċipali huma limitati, irridu nsibu sorsi alternattivi, minbarra li nikkommettu ruħna biex nallokaw ir-

rიżorsi meħtieġa fil-baġits annwali u nagħmlu impenn finanzjarju sod għas-snin li ġejjin. Normalment jintużaw mekkaniżmi ta’ finanzjament differenti, bħal fondi rotanti, skemi ta’ finanzjament minn partijiet terzi, lokazzjoni (*leasing*), kumpaniji ta’ servizzi ta’ enerġija (ESCOs) jew sħubiji pubbliċi-privati. Aħna qed infittxu wkoll li nissieħbu ma’ organizzazzjonijiet oħra privati u pubbliċi u nfittxu sorsi alternattivi ta’ finanzjament permezz tad-diversi skemi ta’ għotja u sussidju Ewropej. Irridu neżaminaw kull għażla eżistenti u vijabbli.

Ostaklu ieħor li rridu nissuperaw huwa s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini biex dawn ibiddlu l-abitudnijiet tagħhom, b’hekk qed niffukaw l-isforzi tagħna fuq is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta’ sostenibbiltà. Osservajna distakk kbir bejn ix-xjenza u l-għarfien tal-pubbliku, milli jidher, u neħtieġu nrawmu involviment ikbar taċ-ċittadini, tan-negozji, u soċjali u politiku biex niġġieldu u naffrontaw din il-problema.

**Għaliex iddeċidejtu li tidħlu għall-premju City in the Spotlight tal-Patt tas-Sindki?**

Aħna kburin li aħna parti mill-komunità tal-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija u nemmen li dan il-premju tal-Patt tas-Sindki huwa opportunità kbira biex nuru l-impenn tagħna, filwaqt li naspiraw ukoll li nservu bħala eżempju għall-komunità sħiħa tal-Patt u lil hinn. Dik l-attitudni tagħtina l-ispinta u l-motivazzjoni meħtieġa biex inkomplu f’din it-triq. Nemmnu fl-Ewropa u nemmnu fil-Patt tas-Sindki u l-opportunitajiet kollha li joffri. It-temp estrem huwa sfida għad-dinja, u bħala sindku ta’ Murcia nemmen li rispons Ewropew magħqud se jkun aktar b’saħħtu.

**Kif tara lil Murcia fl-2050?**

F’Murcia nemmnu ħafna fi proġett tal-belt li fih is-sostenibbiltà u r-rispett għall-ambjent naturali huma l-pilastri fundamentali tat-tkabbir u opportunitajiet futuri. It-tim tal-gvern tiegħi għandu l-għan li jagħmel lil Murcia muniċipalità iktar strutturata, iktar konnessa, iktar ġusta, iktar sostenibbli u iktar miftuħa, u se jitwettaq firxa ta’ proġetti fil-futur qrib li kollha għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja f’Murcia.

Wieħed mill-proġetti prinċipali huwa l-ħidma ta’ urbanizzazzjoni għal dik li ngħidula Żona 0, li tinvolvi li jiġu mgħottija l-binarji antiki tal-ferrovija sabiex din iċ-ċikatriċi li tiddividi l-komunità tiġi trasformata f’inizjattiva ta’ trasformazzjoni urbana b’mogħdijiet għar-roti, żoni ħodor u żoni ta’ rikreazzjoni. Minbarra dan, jekk dawn il-binarji jiġu mgħottija, il-

kuritur attwali tal-ferrovija se jiġi trasformat f'mogħdija ewlenija fejn il-persuni bil-mixi jingħataw prijorità u żewġ kurituri li jikkollegaw il-passaġġ għall-mixi ġdid max-xmara Segura.

L-ispazji pedestrijanizzati se jkunu waħda mill-karatteristiċi distintivi tal-muniċipalità fix-xhur li ġejjin, kif ukoll l-espansjoni taż-żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs) u azzjonijiet diversi għat-titjib tal-kwalità tal-arja. Se jiġu mnedija proġetti pilota ta' pedestrijanizzazzjoni li jinvolvu toroq reġjonali għall-iskop ta' verifikazzjoni tal-vijabilità u l-introduzzjoni ta' pedestrijanizzazzjoni permanenti.

Il-mobilità fil-muniċipalità se tiġi mtejba permezz ta' diversi proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw it-trasport pubbliku, joħolqu iktar mogħdijiet għar-roti, jintegraw modalitajiet differenti ta' trasport, jissegregaw pjattaformi esklussivi għat-trasport urban u jibnu spazji għall-parkeġġ li huma integrati mat-trasport pubbliku. L-objettiv huwa li tinbena muniċipalità dinamika li tiffavorixxi r-relazzjoni fiżika bejn il-belt u d-distrett.

Se jiġu żviluppati azzjonijiet differenti li se jżidu b'mod notevoli l-ispazji ħodor fil-muniċipalità, b'objettiv ieħor li ż-żoni ħodor jsiru spazji għal interazzjoni interġenerazzjonali. Għal dan il-għan, numru ta' proġetti se jiffukaw fuq faċilitajiet tal-ġinnasju, tal-iskejzjar jew tal-fiżjoterapija.

Il-ħolqien tal-infrastruttura ħadra t-tajba huwa essenzjali għat-titjib tal-bijodiversità fiż-żona urbana, bħala miżura ta' adattament għall-klima.

Aħna mixjin ukoll b'mod kostanti lejn l-awtokonsum enerġetiku – l-assi ewlieni tat-tranżizzjoni tal-enerġija – billi bdejna bil-bini muniċipali tagħna u f'mod konformi mal-promozzjoni tal-komunitajiet lokali tal-enerġija. L-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi hija sfida oħra importanti li qed niffaċċjaw, kif ukoll il-ksib ta' distribuzzjoni modali iktar bilanċjata jew distribuzzjoni f'ċirkwit lokali iktar sostenibbli.

L-investiment fis-sostenibbiltà huwa opportunità għal titjib u opportunità għal tkabbir li bilfors irridu nwettqu f'Murcia.

Sabiex tara l-preżentazzjoni tagħna mis-sajf li għadda li turi l-ikbar proġetti li se jiġu mnedija fix-xhur li ġejjin, jekk jogħġbok żur: https://centromedios.murcia.es/PUBLICO/NotaPrensa/Default.aspx?pIdPagina=25&pIdNoticia=60460#ad-image-0